IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru46 (Sitta u Erbgħin) tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn, 27 ta' Frar, 2017, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony Valvo |
| Viċi Sindku | Neil Attard |
| Il- Kunsilliera | Mary Doris Borg |
| | Antonia Buttiġieġ |
| | Joseph Azzopardi |
| L-Uffiċjal Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.

1.1 Kulħadd preżenti u l-Laqgħa bdiet fis-5.45pm

1.2 Is-Sindku issospenda l-laqgha sabiex issir laqgha ohra mal-Accountant tal-Kunsill.

1.3 Il-Laqgha tkompliet fis-6.39pm

2. Item Nru 2 fuq l-Aġenda – Qari tal-minuti

2.1 Minuti ttieħdu bħala moqrija u approvati

3. Item Nru 3 fuq l-Aġenda – Komunikazzjoni mis-Sindku

3.1 SSTP - Is-Sur Valvo qal li x-xogħol tal-bini tal-landscaping beda u qieghdin jircievu il-blokki fuq is-sit. Issa qegħdin fiż-żmien li jibdew iwittu bil-materjal. It-tender tas-sigar inħarġet u għandna nistennew żvilupp fuqha fil-laqgħat li ġejjin.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

Is-Sur Valvo xtaq jinforma lill-Kunsilliera li is-Sur Charles Brincat m'għadux fil-kariga ta' CEO u issa ser ikun hemm kariga ġdida ta' Executive Chairman. Aġġornamenti aktar il-quddiem.

Għalhekk is-Sur Valvo xtaq jirringrazzja pubblikament lis-Sur Brincat tax-xogħol tiegħu u li dejjem ħdimna tajjeb flimkien miegħu.

3.2 Progett tan-nursery – Is-Sindku qal u li l-proġett biex isir ground bit-turf u flood lights ser jiġi iffinanzjat mil- Water Services Corporation bħala kontribuzzjoni lil-lokalita` tax-Xgħajra. It-talba tagħna li jkun hemm inċentiv fuq il-kontijiet tad-dawl u l-ilma ma ġietx aċċettata minħabba li jinħoloq preċedent. Il-Kunsill qabel li jkollna bil miktub ta' dan.

Il-Kunsill qabel li jintalab biex issir laqgħa fl-impjant biex naraw x'inhu jiġri bħalissa u jkun hemm l-Executive Chairman il-ġdid.

3.3 Recreational Centre – Is-Sindku qal li qed niġru wara l-perit sabiex naħdmu fuq dan il-proġett minajr aktar dewmien. Mil-aħħar laqgħa li kellna miegħu għadda iktar minn xahar. Bħalissa qed nistennew mil-Perit biex jibgħatilna l-BOQ tal-aperturi u l-madum u nkunu nistgħu noħorġu t-tenders.

Rigward ir-rampa sibna l-approvazzjonijiet kollha minn Transport Malta ta' qabel l-Elezzjoni Generali tat-2013. Is-Sur Simon Grima kien ta il-go ahead.

3.4. Is-Sindku qal li l-owners tar-restaurant El Catalan għamlu pjan ta' kif qiegħdin jipproponu li jiġi restorat il-playground u l-madwar. Nistennew sabiex niffissaw data u nsejħu laqgħa.

4. Item Nru. 4 fuq l-Aġenda – Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

4.1 Antonia Buttigieg xtaqet tibda billi tirringrazzja lill-Ministru Joe Mizzi talli saru Bollards f' Dawret ix-Xatt fejn il-latrina.

4.2 Is-Sinjura Buttigieg staqsiet fuq il-plot vojt li hemm fi Triq Karmelo Ritchie liema plot għadu vojt u qed ikun ta' mira biex jintrema l-iskart u kiber ħafna ħaxix. Il-Kunsill qabel li nkellmu lis-Sur Robert Buhagiar sabiex jerġa jibgħat in-nies u inaddfuh.

4.3 Is-Sinjura Buttigieg staqsiet fuq meta ser jinxtraw il-bins tal-klieb. Is-Segretarju qallha li ser nitolbu ghal stima fuq kemm u niddiskutuha fil-laqgha li jmiss.

4.4 Is-Sinjura Borg staqsiet fuq ix-xogħol tal-Pulizija fil-ħinijiet tal-iskola. Dan għaliex qiegħed ikun hemm konfużjoni ta' traffiku fil-ħinijiet li jidħlu u joħorġu t-tfal mil-iskola. Wara diskussjoni sar qbil biex inkellmu lil Pulizija sabiex flok quddiem il-gate jibdew joqodu fil-kantuniera bejn Triq Dawrdu Ellul u Triq l-Iskola.

4.5 Is-Sinjura Borg staqsiet fuq Sqaq Ras il-Gebel jekk kienx hemm xi żvilupp fuqu. Pero is-Sindku qal li kif diġa tkellimna f'laqgħat preċedenti is-sid mhux interessat jagħmel spejjeż addizzjonali. Għalhekk wara diskussjoni sar qbil li ssir tabella mil-Kunsill li tindika periklu.

4.6 Is-Sur Joseph Azzopardi staqsa fuq il-possibilta li ssir lampa ġdida fi Triq Dwardu Ellul in-naħa ta' fejn tat-tiġieġ. Sar qbil li inkellmu lin-Nexos u naraw huwiex possibbli li ssir.

5. Item Nru 4 fuq l-Aġenda –Approvazzjoni tal-Infieq

5.1 Pagamenti ġew approvati b'astenzjoni waħda.

6. Item Nru. 6 fuq l-Aġenda - Xogħol madwar ix-Xgħajra

6.1 Dan il-punt ġie diskuss aktar kmieni.

7. Item Nru. 7 fuq l-Aġenda – Attivitajiet Kulturali

7.1 Attivita Kulturali – Is-Sinjura Buttiġieġ infurmat lill-Kunsill li l-attivita li jmiss qed naħsbu biex immorru Bighi l-Planetarium. Għalhekk kull min jixtieq jagħmel xi suġġerimenti huwa mitlub jagħmilhom.

7.2 Is-Sur Neil Attard ippropona li jibda jieħu ħsieb attivitajiet kulturali għat tfal fejn jibdew imorru postijiet ta' interess bħal per eżempju l-bird park u l-aquarium. Issemiet ħtieġa li skont l-

etajiet tat-tfal tidħol responsibilta` u ħarġiet bħal dawn jirrikjedu mhux biss kunsent mill-ġenituri imma wkol organizzjazjoni minn numru ta' persuni li jieħdu ħsieb lil tfal ta' kull eta`.

7.3 Is-Sindku qal li l-applikazzjoni li ghamilna biex nerġgħu intellgħu l-attivita ta' Lapsi ġiet aċċettata. Għalhekk din is-sena ser issir fil-weekend 27 u 28 ta' Mejju. Fiha ser ikollna is-serata nhar is-27 ta' Mejju u il-Ħadd 28 filgħodu ser jerġa ikollna il-Ġostra u filgħaxija jkun hemm iċ-ċelebrazzjoni ta' Jum Ix-Xgħajra b'quddiesa u riċeviment. Għal dawn il-jumejn il-Kunsill ser jibbenefika minn €2,000 tal-iskema Attivitajiet kulturali.

7.4 Is-Sur Neil Attard xtaq jipproponi li apparti ta' Lapsi issir attivita oħra fl-1 t' Awwissu bit-tema ta' Talent Show. Kulħadd qabel li issir din l-attivita pero għandna bżonn aktar dettall ta' kemm ser tiġi tiswa.

8. Item Nru. 8 fuq l-Aġenda - Pjan ta' Ħidma

8.1 Is-Sindku iddiskuta il-punti tal-Pjan ta' Ħidma għal din is-sena 2017 li ser jiġi spjegat fil-laqgħa annwali tal-pubbliku nhar it-3 ta' Marzu.

9. Item Nru. 9 fuq l-Aġenda - Aġġornament

9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.55pm

Aġġornament għat-Tnejn, 27 ta' Marzu, 2017 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ______________________ | ______________________ |
| Ranier Busuttil | Anthony Valvo |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |